



Stampa u Informazzjoni

Marc van der Woude elett bħala Viċi President tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Wara t-tibdil parzjali tal-Membri tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea¹ u wara l-elezzjoni tal-President ta' din il-qorti², Marc van der Woude, Imħallef tal-Qorti Ġenerali sa mit-13 ta' Settembru 2010, ġie elett mill-Membri l-oħra bħala Viċi President tal-Qorti Ġenerali għall-perijodu bejn l-20 ta' Settembru 2016 u l-31 ta' Awwissu 2019.

Curriculum vitae ta' Marc van der Woude

Imwieled fl-1960; gradwat fil-liġi (Università ta' Groningen, 1983); studja fil-Collège d'Europe (1983-1984); assistent fil-Collège d'Europe (1984-1986); inkarigat mill-korsijiet fl-Università ta' Leiden (1986-1987); relatur fid-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1987-1989); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1989-1992); koordinatur politiku fid-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1992-1993); membru tas-Servizz Ġuridiku tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1993-1995); avukat Membru tal-Avukatura ta' Brussell sa mill-1995; professur fl-Università Erasmus ta' Rotterdam sa mill-2000; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali sa mit-13 ta' Settembru 2010; Viċi President tal-Qorti Ġenerali sa mill-20 ta' Settembru 2016.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355

¹ Ara l-Istqarrija għall-Istampa Nru [101/16](#) tad-19 ta' Settembru 2016.

² Ara l-Istqarrija għall-Istampa Nru [103/16](#) tal-20 ta' Settembru 2016.